32004D0771

L 341/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 17.11.2004

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' l-4 ta' Ottubru 2004**

**li taħtar membru Estonjan u membru supplenti Estonjan tal-Kumitat tar-Reġjuni**

(2004/771/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Estonjan,

Billi:

(1) fit-22 ta' Jannar 2002 ([1]) il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni,

(2) sar vakanti post ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni wara r-riżenja tas-Sinjur Tönis KÕIV, notifikata lill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2004, u sar vakanti post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni wara n-nomina tas-Sinjur Margus LEPIK biex ikun membru sħiħ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

(a) Is-Sinjur Margus LEPIK,
Sindku ta' Valga,
huwa b'dan maħtur bħala membru minflok is-Sinjur Tönis KÕIV;

(b) Is-Sinjur Väino HALLIKMÄGI,
Sindku ta' Pärnu,
huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti minflok is-Sinjur Margus LEPIK,

għall-bqija tal-mandat tagħhom, li jkompli sal-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussel, nhar l-4 ta' Ottubru.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. J. de GEUS

([1]) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.